MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Numru. 777/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**EMANUEL FARRUGIA ta' 49 sena, iben Angelus u Joan nee' Azzopardi, imwieled Hal-Qormi nhar id-9 ta' April, 1960, residenti fil-fond Block M, F/2, Housing Estate, Barbara Street, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 293260M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi EMANUEL FARRUGIA li gie akkuzat talli matul il-granet ta' nhar it-23 u l-24 ta' Lulju, 2005 gewwa Birkirkara:

1. B’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jkunu gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda u cioe’ ikkommetta hsara, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq it-tyres tal-vettura FAA 458 tal-marka Subaru J10, u hsara volontarja ohra fuq il-bieb ta’ barra ta’ fond numru 2, Triq Santa Marija, Birkirkara, ghad-dannu ta’ Catherine Saydon, liema hsarat huma ta’ iktar minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin) izda mhux iktar minn Lm500.00(hames mitt lira Maltin), u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha bil-pubbliku, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsa ghall-bieb ta’ fond numru 2, Triq Santa Marija, Birkirkara ghad-dannu ta’ Catherine Saydon u dan bi ksur ta’ l-Arikoli 339(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Catherine Saydon, weggaghha bi kliem, b’gesti, jew b’mod iehor, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 252(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. U aktar talli fl-istess dati f’dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu, f’idejh, jew fuqu, skieken ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strumenti ohra bil-ponta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Arikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. U kif ukoll talli b’hekk fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi, irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu fi zminijiet differenti mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat li l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi gie ezebit il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Semghet ix-xhieda prodotta.

WPS 45 Marisa Bartolo xehdet li Emanuel Farrugia li kien *wanted* kien jinstab go karozza pparkjata, cioe’ fil-vettura BAA – numru ma ftakritux. Waqqfuh u minn god-*dash board* u l-bieba elevat mus u sikkina. L-ghada kellha rapport li kien niezel jahbat ghall-mara tieghu – fittxewh u meta sabuh, apparti li meta talbuh johrog mill-vettura kien vjolenti maghhom, pastaz u kellimhom hazin u rrezistiehom, rega’ kellu sikkina ohra fil-vettura tieghu.

Ezebiet ukoll zewg skieken u l-mus minnha elevati.

PC 1348 Joseph Campbell ikkonferma wkoll li sabu zewg skieken fil-vettura ta’ Emanuel Farrugia. Fis-*second watch* - l-istess kif xehdet is-Surgent 45, instabet fuqu sikkina ohra. Ikkonferma wkoll illi t-tieni darba kien aggressiv maghhom.

Catherine Saydon – il-mara separata ta’ l-imputat, xehdet illi bejn it-23 u l-24 ta’ Lulju, waqt li kienet fil-gallarija ratu jkissrilha l-bieb ta’ barra. Qalet li Farrugia nizel mill-vettura, beda’ jaghti bis-sieq mal-bieb ta’ barra, u telaq jigri fil-vettura. Il-Hadd, l-24 ta’ Lulju, semghet karozza tirrejzja, harget fil-gallarija u beda jghidilha li baghtitlu tas-CID. Nizel mill-karozza b’sikkina u faqaghlha t-*tyres* tal-

karozza b'sikkina u saq. Qalet ukoll illi waqt dan kollu beda jghid kliem baxx u oxxen u jidghi. Ezebiet dwar id-danni sofferti fuq il-bieb, stima ghall-ammont ta' Lm180.00 (DOK FP 1 folio 39). Xehdet li t-*tyre* wiehed li faqaghlha dakinhar Farrugia sewa Lm20.00.

WPC 126 Joanne Buttigieg xehdet li Emanuel Farrugia ma kellu ebda licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghaz-zamm u garr ta' ebda arma.

Gew ezebit ukoll mill-Ispettur Ramon Mercieca diversi sentenzi moghtija minn Qrati diversament preseduti in prova tar-recidiva.

Catherine Saydon ittellghet tixhed ukoll in kontro ezami – hawn qalet illi hi kienet qieghda tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli in vista' li l-affarijiet bejnha u bejn zewgha kienu marru ghall-ahjar.

Ittella' jixhed iben Emanuel Farrugia – Neil Karl Farrugia. Dan bil-gurament tieghu qal illi kien hu li kisser il-hgiega tal-bieb ta' barra - dan ghax f'xi gurnata li ma jiftakarx kellu xi jghid ma' ommu. Tkellem fuq gebla ta' qies normali skondtu, li joqghod fuqha barra. Ikkonferma li kien hemm diversi argumenti ma' ommu li fuqhom kisser il-hgieg.

Ikkunsidrat, anki wara li semghet it-tratazzjonijiet:

Illi fl-ewwel lok, in vista' tar-rinunzja ta' mart l-imputat Emmanuel Farrugia, tqis illi r-reati kkontemplati taht l-Artikolu 252 tal-Kapitiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' l-hames(5) akkuza, hija ezawrita.

Dwar l-akkuzi l-ohra, tibda fl-ewwel lok billi ssib ghal kollox ix-xhieda ta' Neil Karl Farrugia ghal kollox inveritjiera. Dan il-Qorti qieghda tghidu anke ghall-mod kif xehed l-istess iben l-imputat - b'mod laxk u ghal kollox mhux kredibbli, anzi jrid li jitwemmen li kull glieda li jkollu ma' ommu dan imur u jkisser hgiega mill-bieb ta' barra!!!

Illi minn naha l-ohra l-mara ta’ l-imputat kienet xhud okulari ta’ kull hsara volontarja li saret fuq il-proprjeta’ taghha – cioe’ l-bieb ta’ barra u t-tyres tal-vettura. Oltre hekk kienet certa ta’ dak li semghet, cioe’ dagha u kliem hazin minn naha ta’ zewgha.

Oltre dan gie ferm ippruvat li Farrugia l-imputat kellu fil-pussess tieghu skieken u mus li certament ma kellu ebda permess li jzomm u jgorr barra.

Illi tenut dak kollu premess din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront ta’ l-ewwel(1) akkuza, dan wara li rat l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Hati tat-tieni(2) akkuza wara li rat l-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U hati wkoll tas-sitt(6) akkuza wara li rat l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif gia’ ddikkjarat tqis il-procediment ezawrit fil-konfront tal-hames(5) akkuza;

Tqis ukoll li r-raba’(4) akkuza taht l-Artikolu 339(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhix sufficjentement ippruvata in kwantu kif xehdet dwar l-istess Catherine Saydon, fejn qalet biss li zewgha tefaghlha gebla lejn il-bieb u hallieha b’hekk. Fil-fatt hemm hafna differenza bejn dak li hemm imnizzel fir-rapport tal-PIRS ipprezentat (folio 26), fejn jaghmel referenza ghal stones, gebel, u dak li xehdet Saydon li zewgha waddbilha kantun (folio 36).

Dwar l-ahhar reat addebitat - dak tar-recidiva, tinnota l-Qorti li ghalkemm gew prezentati diversi sentenzi fil-konfront ta’ certu Emmanuel Farrugia, ma ngabet ebda prova ta’ l-identita’ tar-recidiva. Anke s-sentenzi msemmija ezebiti mhux cari fl-identita’ taghhom, bhal ma per ezempju kienu jkunu kieku kellhom anke n-numru tal-karta ta’ l-identita’, biex wahidhom jaghmlu din il-prova.

Detto cio’, dwar il-piena, din il-Qorti ma tistax ma taghtix kaz il-fedina penali ferm ikkulurita ta’ l-imputat. Dak li ghandha zgur xi tghid il-Qorti huwa li Emmanuel Farrugia kellu diversi pieni effettivi ta’ Habs, pero baqa’ ma

tghallem xejn u kif ghandu jghix ta’ bniedem civili fis-socjeta’.

Ghaldaqstant tenut kont dak kollu premess, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ tminn(8) xhur, u dan anke wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------